# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/583

## tal-14 ta' Lulju 2016

## li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għal ċentri tan-negozjar u ditti ta' investiment fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti ta' emissjonijiet u d-derivattivi

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(8), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 21(5) u l-Artikolu 22(4) tiegħu,

Billi:

(1) Grad għoli ta' trasparenza huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-investituri jiġu infurmati b'mod adegwat dwar il-livell reali ta' tranżazzjonijiet attwali u potenzjali fil-bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti ta' emissjonijiet u derivattivi irrispettivament minn jekk dawn it-tranżazzjonijiet iseħħux fi swieq regolati, faċilitajiet multilaterali tan-negozjar (MTFs), faċilitajiet organizzati tan-negozjar, internalizzaturi sistematiċi, jew barra dawn il-faċilitajiet. Dan il-grad għoli ta' trasparenza għandu jistabbilixxi wkoll kundizzjonijiet ekwi bejn iċ-ċentri tan-negozjar biex il-proċess ta' skoperta tal-prezzijiet fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji partikolari ma jiġix imdgħajjef mill-frammentazzjoni tal-likwidità, u b'hekk l-investituri ma jiġux ippenalizzati.

(2) Fl-istess ħin, huwa essenzjali li jiġi rikonoxxut li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn għandhom jiġu pprovduti eżenzjonijiet mit-trasparenza ta' qabel in-negozjar jew id-differiment ta' obbligi ta' trasparenza ta' wara n-negozjar biex jiġi evitat li tiġi imdgħajfa l-likwidità bħala konsegwenza mhux intenzjonata tal-obbligi li jiġu divulgati t-tranżazzjonijiet u b'hekk il-pożizzjonijiet ta' riskju jsiru pubbliċi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu speċifikati ċ-ċirkostanzi preċiżi taħt liema jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mit-trasparenza ta' qabel in-negozjar u d-differimenti mit-trasparenza ta' wara n-negozjar.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib flimkien, peress li jittrattaw l-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar u ta' wara n-negozjar li japplikaw għan-negozjar fi strumenti finanzjarji mhux tal-ekwità. Sabiex tiġi żgurata koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, u biex tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva għall-partijiet kkonċernati u, b'mod partikolari dawk soġġetti għall-obbligi, huwa meħtieġ li dawn l-istandards tekniċi regolatorji jkunu inklużi f'Regolament wieħed.

(4) Meta l-awtoritajiet kompetenti jagħtu eżenzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar jew jawtorizzaw id-differiment ta' obbligi ta' trasparenza ta' wara n-negozjar, dawn għandhom jittrattaw is-swieq regolati, il-faċilitajiet ta' negozjar multilaterali, il-faċilitajiet ta' negozjar organizzati u d-ditti ta' investiment li jinnegozjaw barra ċ-ċentri tan-negozjar kollha bl-istess mod u b'mod mhux diskriminatorju.

(5) Huwa xieraq li jiġi ċċarat numru limitat ta' termini tekniċi. Dawn id-definizzjonijiet tekniċi huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi fl-Unjoni tad-dispożizzjonijiet inklużi f'dan ir-Regolament u, b'hekk, jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' ġabra unika ta' regoli għas-swieq finanzjarji tal-Unjoni. Dawn id-definizzjonijiet jaqdu biss l-għan li jiġu stabbiliti l-obbligi ta' trasparenza għall-istrumenti finanzjarji mhux ta' ekwità u għandhom jiġu strettament limitati biex jiġi mifhum dan ir-Regolament.

(6) Il-komoditajiet innegozjati fil-borża (Exchange-traded-commodities — ETCs) u n-noti nnegozjati fil-borża (Exchange-traded notes — ETNs) soġġetti għal dan ir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati bħala strumenti ta' dejn minħabba l-istruttura legali tagħhom. Madankollu, peress li huma nnegozjati b'mod simili għall-fondi negozjati fil-borża (ETFs), għandu jiġi applikat reġim ta' trasparenza simili għal dak tal-ETFs.

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84.

(7) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 600/2014, għandu jiġi kkunsidrat għadd ta' strumenti biex ikunu eliġibbli għal eżenzjoni ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar għall-istrumenti li għalihom ma hemmx suq likwidu. Dan ir-rekwiżit għandu japplika wkoll għad-derivattivi soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar li mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' negozjar kif ukoll għall-bonds, id-derivattivi, il-prodotti finanzjarji strutturati u l-kwoti ta' emissjonijiet li mhumiex likwidi.

(8) Ċentru tan-negozjar li jħaddem sistema ta' talba għal kwotazzjoni għandu jagħmel pubbliċi l-prezzijiet tat-talba u l-offerta tad-ditta jew indikazzjonijiet ta' interess azzjonabbli u l-profondità marbuta ma' dawk il-prezzijiet mhux aktar tard minn meta min jagħmel it-talba jkun jista' jwettaq tranżazzjoni skont ir-regoli tas-sistema. Dan biex jiġi żgurat li l-membri jew il-parteċipanti li qegħdin jipprovdu l-kwotazzjonijiet tagħhom lil min jagħmel it-talba l-ewwel ma jitpoġġewx f'pożizzjoni żvantaġġata.

(9) Il-maġġoranza tal-bonds likwidi koperti huwa titoli ipotekarji maħruġa biex jingħata self biex jiġi ffinanzjat ix-xiri ta' dar minn individwu privat u li l-valur medju tagħhom huwa direttament relatat mal-valur tas-selfa. Fis-suq tal-bonds koperti, il-forrnituri tal-likwidità jiżguraw li l-investituri professjonali li jinnegozjaw b'daqsijiet kbar jitqabblu ma' sidien tad-djar li jinnegozjaw fuq skala żgħira. Biex jiġi evitat li jkun hemm tfixkil f'din il-funzjoni u l-konsegwenzi ta' detriment kontiġenti għas-sidien tad-djar, id-daqs speċifiku għall-istrument li 'l fuq minnu l-fornituri tal-likwidità jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni mit-trasparenza ta' qabel in-negozjar għandu jiġi stabbilit fid-daqs tan-negozjar taħt liema jinstabu 40 fil-mija tat-tranżazzjonijiet, peress li dan id-daqs tan-negozjar jitqies li jirrifletti l-prezz medju ta' dar.

(10) L-informazzjoni li hija meħtieġa li ssir disponibbli qrib kemm jista' jkun għaż-żmien reali għandha ssir disponibbli istantanjament kemm ikun teknikament fattibbli, bl-assunzjoni li hemm livell raġonevoli ta' effiċjenza u ta' nefqa fuq is-sistemi min-naħa tal-operatur fis-suq, tal-Arranġament Approvat ta' Pubblikazzjoni (Approved Publication Arrangement — APA) jew tad-ditta ta' investiment ikkonċernata. L-informazzjoni għandha tkun ippubblikata biss qrib il-limitu taż-żmien massimu preskritt f'każijet eċċezzjonali fejn is-sistemi disponibbli ma jippermettux li ssir pubblikazzjoni f'perjodu iqsar ta' żmien.

(11) Id-ditti ta' investiment għandhom jagħmlu pubbliċi d-dettalji tat-tranżazzjonijiet imwettqa barra miċ-ċentru tan-negozjar permezz ta' AAP. Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi l-mod li permezz tiegħu d-ditti ta' investiment jirrapportaw it-tranżazzjonijiet tagħhom lill-AAP u għandu jappliku flimkien mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/571 ([1]).

(12) Il-possibbiltà li tiġi speċifikata l-applikazzjoni tal-obbligu ta' divulgazzjoni ta' wara n-negozjar tat-tranżazzjonijiet imwettqa bejn iż-żewġ ditti ta' investiment, inklużi l-internalizzaturi sistematiċi, f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti ta' emissjonijiet u derivattivi li huma ddeterminati minn fatturi, għajr mill-valutazzjoni attwali tas-suq, bħat-trasferiment ta' strumenti finanzjarji bħala kollateral, hija stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 600/2014. Tali tranżazzjonijiet ma jikkontribwux għall-proċess tal-iskoperta tal-prezzijiet, la ma joħolqu riskju li jisfukaw l-istampa għall-investituri, u la ma jfixqlu l-aħjar twettiq u għaldaqstant dan ir-Regolament jispeċifika t-tranżazzjonijiet iddeterminati minn fatturi għajr il-valutazzjoni tas-suq li ma għandhomx isiru pubbliċi.

(13) Id-ditti ta' investiment ħafna drabi jwettqu tranżazzjonijiet, f'isimhom stess jew għan-nom tal-klijenti, f'derivattivi u strumenti finanzjarji jew assi oħrajn li huma magħmula minn numru ta' negozji interkonnessi u kontiġenti. Dawn it-tranżazzjonijiet bħala pakkett jippermettu lid-ditti ta' investiment u l-klijenti tagħhom jimmaniġġjaw aħjar ir-riskji tagħhom bil-prezz ta' kull komponent tat-tranżazzjoni bħala pakkett li jirifletti l-profil tar-riskju globali tal-pakkett aktar milli l-prezz tas-suq prevalenti ta' kull komponent. It-tranżazzjonijiet bħala pakkett jistgħu jieħdu diversi forom, bħall-iskambju ma' assi fiżiċi, l-istrateġiji ta' negozjar imwettqa fiċ-ċentri tan-negozjar jew tranżazzjonijiet bħala pakkett personalizzati u huwa importanti li jitqiesu dawn l-ispeċifiċitajiet meta jiġi kkalibrat ir-reġim ta' trasparenza applikabbli. Għalhekk, huwa xieraq li għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet biex jiġu applikati d-differimenti minn trasparenza ta' wara n-negozjar għal tranżazzjonijiet bħala pakkett. Dawn l-arranġamenti ma għandhomx ikunu disponibbli għal tranżazzjonijiet li jiħheġġjaw l-istrumenti finanzjarji mwettqa matul il-kors normali tan-negozju.

(14) L-iskambju ma' assi fiżiċi huwa parti integrali tas-swieq finanzjarji, u jippermetti lill-operaturi fis-suq jorganizzaw u jwettqu derivattivi nnegozjati fil-boroż li huma marbuta direttament ma' tranżazzjoni fis-suq fiżiku sottostanti. Dawn jintużaw b'mod mifrux u jinvolvu diversi atturi, bħal bdiewa, produtturi, manifatturi u proċessuri ta' prodotti bażiċi. Ġeneralment skambju ma' assi fiżiċi jseħħ meta l-bejjiegħ ta' assi fiżiku jfittex li jagħlaq il-pożizzjoni ta' hedging korrispondenti tiegħu f'kuntratt ta' derivattivi mal-bejjiegħ tal-assi fiżiku, meta dan

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/571 tat-2 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar l-awtorizzazzjoni, ir-rekwiżiti organizzazzjonali u l-pubblikazzjoni ta' tranżazzjonijiet għal fornituri tas-servizzi ta' rapportar tad-dejta (Ara paġna 126 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

tal-aħħar ikollu wkoll hedging korrispondenti fl-istess kuntratt ta' derivattivi. Dawn għalhekk jiffaċilitaw l-għeluq effiċjenti tal-pożizzjonijiet ta' ħeġġjar li ma jkunux għadhom aktar meħtieġa.

(15) Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet imwettqa barra mir-regoli ta' ċentru tan-negozjar, huwa essenzjali li jiġi ċċarat liema ditta ta' investiment għandha tagħmel pubblika tranżazzjoni f'każijiet fejn iż-żewġ partijiet fit-tranżazzjoni jkunu ditti ta' investiment stabbiliti fl-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-pubblikazzjoni ta' tranżazzjonijiet mingħajr duplikazzjoni. Għaldaqstant, ir-responsabbiltà li tranżazzjoni ssir pubblika għandha dejjem taqa' fuq id-ditta ta' investiment li qiegħda tbigħ sakemm parti waħda biss mill-kontropartijiet hija internalizzatur sistematiku u hija d-ditta li qiegħda tixtri.

(16) Meta kontroparti waħda biss tkun internalizzatur sistematiku fi strument finanzjarju partikolari u tkun ukoll id-ditta li qiegħda tixtri għal dak l-istrument, din għandha tkun responabbli biex tagħmel it-tranżazzjoni pubblika peress li l-klijenti tagħha jkunu jistennewha li tagħmel dan u tkun f'pożizzjoni aħjar biex timla l-kamp ta' rapportar li jagħmel referenza għall-istatus tagħha ta' internalizzatur sistematiku. Biex jiġi żgurat li tranżazzjoni tiġi ppubblikata darba biss, l-internalizzatur sistematiku għandu jinforma lill-parti l-oħra li se jagħmel it-tranżazzjoni pubblika.

(17) Huwa importanti li jinżammu l-istandards attwali għall-pubblikazzjoni ta' tranżazzjonijiet li jitwettqu bħala negozji spalla ma' spalla biex tiġi evitata l-pubblikazzjoni ta' tranżazzjoni waħda bħala negozji multipli u biex tiġi pprovduta ċertezza legali dwar liema ditta ta' investiment hija responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' tranżazzjoni. Għalhekk, żewġ negozji korrispondenti li jsiru fl-istess ħin u għall-istess prezz b'parti waħda interposta għandhom jiġu ppubblikati bħala tranżazzjoni waħda.

(18) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti biex jitolbu l-pubblikazzjoni ta' dettalji supplimentari meta jippubblikaw informazzjoni li tibbenefika minn differiment, jew biex jippermettu differimenti għal perjodu ta' żmien estiż. Sabiex ikun hemm kontribut għall-applikazzjoni uniformi ta' dawn id-dispożizzjonijiet fl-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu nkwadrati l-kundizzjonijiet u l-kriterji taħt liema jistgħu jkunu permessi d-differimenti supplimentari mill-awtoritajiet kompetenti.

(19) In-negozjar f'ħafna strumenti finanzjarji mhux ta' ekwità, u b'mod partikolari fid-derivattivi, huwa xi ħaġa episodika, varjabbli u soġġett għal modifiki regolari tal-mudelli ta' negozjar. Għalhekk, id-determinazzjonijiet statiċi ta' strumenti finanzjarji li ma għandhomx suq likwidu u determinazzjonijiet statiċi tad-diversi livelli limitu għall-finijiet li jiġu kkalibrati l-obbligi ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar u ta' wara n-negozjar mingħajr ma tiġi prevista l-possibbiltà li jiġi adattat l-istatus ta' likwidità u l-livelli limitu fid-dawl tal-bidliet fil-mudell ta' negozjar ma jkunux xierqa. Huwa għalhekk xieraq jiġu stabbiliti l-metodoloġija u l-parametri li huma meħtieġa biex titwettaq il-valutazzjoni tal-likwidità u l-kalkolu tal-livelli limitu għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni tat-trasparenza ta' qabel in-negozjar u d-differiment tat-trasparenza ta' wara n-negozjar fuq bażi perjodika.

(20) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tal-eżenzjonijiet għat-trasparenza ta' qabel in-negozjar u d-differiment ta' wara n-negozjar, huwa meħtieġ li jinħolqu regoli uniformi dwar il-kontenut u l-frekwenza tad-dejta li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu miċ-ċentri tan-negozjar, l-AAP u l-Fornituri ta' Tape Konsolidat (CTPs) għal finijiet ta' trasparenza. Huwa meħtieġ ukoll li tiġi speċifikata l-metodoloġija għall-kalkolu tal-livelli limitu rispettivi u biex jinħolqu regoli uniformi fir-rigward tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni fl-Unjoni. Regoli dwar il-metodoloġija speċifika u d-dejta meħtieġa biex isiru kalkoli bl-iskop li jiġi speċifikat ir-reġim ta' trasparenza applikabbli għal strumenti finanzjarji mhux tal-ekwità għandhom jiġu applikati fil-mkien mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/577 ([1]) li jistabbilixxi l-elementi komuni fir-rigward tal-kontenut u l-frekwenza tat-talbiet għad-dejta biex jiġu indirizzati għal ċentri tan-negozjar, APAs u CTPs għall-finijiet tat-trasparenza u kalkoli oħra f'termini iktar ġeenrali.

(21) Għall-bonds, minbarra l-ETCs u l-ETNs, it-tranżazzjonijiet taħt EUR 100 000 għandhom jiġu esklużi mill-kalkoli tal-livelli limitu ta' qabel in-negozjar u ta' wara n-negozjar, peress li dawn jitqiesu bħala ta' daqs ta' bejgħ bl-imnut. Dawn it-tranżazzjonijiet ta' daqs ta' bejgħ bl-imnut għandhom fi kwalunkwe każ jibbenefikaw minn reġim ta' trasparenza ġdid u kwalunkwe livell limitu li jagħti lok għal eżenjoni jew differiment mit-trasparenza għandu jkun 'il fuq minn dan il-livell.

(22) L-iskop tal-eżenzjoni mill-obbligi ta' trasparenza stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 huwa li tiżgura li l-effettività tal-operazzjonijiet imwettqa mill-Eurosistema fit-twettiq tal-kompiti primarji kif stabbilit fl-Istatut

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/577 tat-13 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-mekkaniżmu ta' limitar tal-volum u l-għoti ta' informazzjoni għall-finijiet ta' trasparenza u kalkoli oħrajn (Ara paġna 174 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("l-Istatut"), u fid-dispożizzjonijiet nazzjonali ekwivalenti għall-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, li tiddependi fuq tranżazzjonijiet kunfidenzjali u fil-ħin, ma tiġix kompromessa mid-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar tranżazzjonijiet bħal dawn. Huwa kruċjali għall-banek ċentrali li jkunu jistgħu jikkontrollaw jekk, meta u kif l-informazzjoni dwar l-azzjonijiet tagħhom tiġi divulgata biex b'hekk jimmassimizzaw l-impatt maħsub u jillimitaw kwalunkwe impatt mhux maħsub fuq is-suq. Għalhekk, għandha tiġi pprovduta ċertezza tad-dritt għall-membri tas-SEBĊ u l-kontropartijiet rispettivi tagħhom fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' trasparenza.

(23) Waħda mir-responsabbiltajiet ewlenin tas-SEBĊ skont it-Trattat u l-Istatut u skont dispożizzjonijiet nazzjonali ekwivalenti għal-membri tas-SEBĊ fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, hija l-prestazzjoni tal politika dwar il-kambju, li tinvolvi ż-żamma u l-ġestjoni ta' riżervi barranin biex jiġi żgurat li, kull meta jkun meħtieġ, ikun hemm ammont suffiċjenti ta' riżorsi likwidi disponibbli għall-operazzjonijiet tal-kambju tagħha. L-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza għall-operazzjonijiet ta' ġestjoni tar-riżervi barranin tista' tirriżulta f'sinjali mhux maħsuba lis-suq, li jistgħu jinterferixxu mal-politika dwar il-kambju tal-Eurosistema u tal-membri tas-SEBĊ fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro. Jistgħu japplikaw ukoll kunsiderazzjonijiet simili għall-operazzjonijiet ta' ġestjoni tar-riżervi barranin fit-twassil tal-politika monetarja u l-istabbiltà finanzjarja fuq bażi ta' każ b'każ.

(24) L-eżenzjoni mill-obbligi ta' trasparenza għat-tranżazzjonijiet fejn il-kontroparti hija membru tas-SEBĊ ma għandhiex tapplika fir-rigward tat-tranżazzjonijiet li jsiru minn xi membru tas-SEBĊ fit-twettiq tal-operazzjonijiet ta' investiment tagħhom. Dan għandu jinkludi operazzjonijiet imwettqa għal finijiet amministrattivi jew għall-persunal tal-membru tas-SEBĊ, inklużi tranżazzjonijiet imwettqa fil-kapaċità bħala amministratur ta' skema tal-pensjoni f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Istatut.

(25) Jenħtieġ li s-sospensjoni temporanja tal-obbligi ta' trasparenza tiġi imposta biss f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali li jirrappreżentaw tnaqqis sinifikanti fil-likwidità fil-klassi ta' strumenti finanzjarji abbażi ta' fatturi oġġettivi u li jistgħu jitkejlu. Huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-klassijiet iddeterminati inizjalment bħala li għandhom jew li ma għandhomx suq likwidu, peress li tnaqqis sinifikanti ieħor fit-termini relattivi fi klassi diġà ddeterminata bħala mhux likwida huwa probabbli li jseħħ aktar faċilment. Għalhekk, sospensjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza fi strumenti ddeterminati bħala li ma għandhomx suq likwidu għandha tkun imposta biss jekk ikun seħħ tnaqqis minn livell limitu relattivament ogħla.

(26) Ir-reġim ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar u ta' wara n-negozjar stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandu jkun ikkalibrat kif xieraq għas-suq u applikat b'mod uniformi fl-Unjoni kollha. Huwa għalhekk essenzjali li jiġu stabbiliti l-kalkoli meħtieġa li jridu jitwettqu, inkluż il-perjodi u l-metodi ta' kalkolu. F'dan ir-rigward, biex jiġu evitati l-effetti ta' distorsjoni tas-suq, il-perjodi ta' kalkolu speċifikati f'dan ir-Regolament għandhom jiżguraw li l-livelli limitu rilevanti tar-reġim jiġu aġġornati f'intervalli xierqa biex jirriflettu l-kundizzjonijiet tas-suq. Huwa xieraq ukoll li tiġi prevista l-pubblikazzjoni ċentralizzata tar-riżultati tal-kalkoli biex b'hekk isiru disponibbli għall-operaturi finazjarji fis-suq u l-awtoritajiet kompetenti kollha fl-Unjoni f'post wieħed u b'mod faċli għall-utenti. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar ir-riżultati tal-kalkoli tagħhom u l-ESMA għandha tippubblika dawn il-kalkoli fuq is-sit web tagħha.

(27) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel tar-rekwiżiti ta' trasparenza l-ġodda, huwa xieraq li jiġu implimentati b'mod gradwali d-dispożizzjonijiet ta' trasparenza. Il-livell limitu ta' likwidità "numru medju ta' kuljum ta' negozji" użat għad-determinazzjoni ta' bonds għal liema hemm suq likwidu għandu jiġi adattat b'mod gradwali.

(28) Sat-30 ta' Lulju tas-sena ta' wara d-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, l-ESMA, fuq bażi annwali, għandha tippreżenta lill-Kummissjoni valutazzjoni tal-livell limitu ta' likwidità li jiddetermina l-obbligi ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar skont l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, u, fejn ikun xieraq, tippreżenta standard tekniku regolatorju rivedut sabiex tadatta l-livell limitu ta' likwidità.

(29) Bl-istess mod, il-perċentili tan-negozju użati bex jiġi ddeterminat id-daqs speċifiku għall-istrument li jippermettu l-eżenzjoni mill-obbligi ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar għall-istrumenti mhux tal-ekwità, għandhom jiġu adattati b'mod gradwali.

(30) Għal dan il-għan l-ESMA, fuq bażi annwali, għandha tippreżenta lill-Kummissjoni valutazzjoni tal-livelli limitu ta' eżenzjoni u, fejn ikun xieraq, tippreżenta standard regolatorju rivedut biex tadatta l-livelli limitu ta' eżenzjoni applikabbli għall-istrumenti mhux tal-ekwità.

(31) Għall-finijiet ta' kalkoli ta' trasparenza, hija meħtieġa dejta ta' referenza biex tiġi ddeterminata l-klassi ta' subassi li jkun parti minnha kull strument finanzjarju. Għalhekk, huwa meħtieġ li ċ-ċentri tan-negozjar jintalbu jipprovdu dejta ta' referenza addizzjonali għal dik meħtieġa mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/585 ([1]).

(32) Fid-determinazzjoni tal-istrumenti finanzjarji li ma għandhomx suq likwidu fir-rigward tad-derivattivi tal-kambju, kienet meħtieġa valutazzjoni kwalitattiva minħabba n-nuqqas ta' dejta meħtieġa għal analiżi kwantitattiva komprensiva tas-suq kollu. Bħala riżultat, sakemm tkun disponibbli dejta ta' kwalità aħjar, id-derivattivi ta' kambju għandhom jiġu kkunsidrati bħala li ma għandhomx suq likwidu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(33) Bil-għan li jkun hemm bidu effettiv tar-regoli ta' trasparenza l-ġodda, l-operaturi fis-suq għandhom jipprovdu dejta għall-kalkolu u l-pubblikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji għal liema m'hemmx suq likwidu u d-daqs tal-ordnijiet li huma kbar fl-iskala jew li huma ikbar mid-daqs speċifiku għall-istrument biżżejjed qabel id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

(34) Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, huwa meħtieġ li dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 japplikaw mill-istess data. Madankollu, biex jiġi żgurat li r-reġim ta' trasparenza regolatorja l-ġdid ikun jista' jopera b'mod effettiv, ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

(35) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-ESMA lill-Kummissjoni.

(36) L-ESMA mexxiet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit bl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

## Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "tranżazzjoni bħala pakkett" tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

   (a) tranżazzjoni f'kuntratt ta' derivattivi jew strument finanzjarju ieħor kontiġenti fuq l-eżekuzzjoni simultanja ta' tranżazzjoni fi kwantità ekwivalenti ta' assi fiżiku sottostanti (Skambju ma' Assi Fiżiċi jew EFP);

   (b) tranżazzjoni li tinvolvi l-eżekuzzjoni ta' żewġ tranżazzjonijiet komponenti jew aktar fi strumenti finanzjarji u:

      (i) li tiġi eżegwita bejn żewġ kontropartijiet jew aktar;

      (ii) fejn kull komponent tat-tranżazzjoni ekonomika jġorr riskju ekonomiku jew finanzjarju relatat mal-komponenti l-oħra kollha;

      (iii) fejn it-twettiq ta' kull komponent huwa simultanju u kontiġenti fuq it-twettiq tal-komponenti l-oħrajn kollha.

2. "sistema ta' talba għal kwotazzjoni" tfisser sistema tan-negozjar fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) kwotazzjoni jew kwotazzjonijiet minn membru jew parteċipant huma pprovduti bħala rispons għal talba għal kwotazzjoni mressqa minn membru jew parteċipant ieħor wieħed jew aktar;

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/585 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-istandards u l-formati tad-dejta ta' referenza tal-istrumenti finanzjarji u l-miżuri tekniċi marbutin ma' arranġamenti li għandhom isiru mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u l-awtoritajiet kompetenti (Ara paġna 368 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(b) il-kwotazzjoni tkun tista' titwettaq b'mod esklussiv mill-membru rikjedenti jew parteċipant;

(c) il-membru rikjedenti jew il-parteċipant fis-suq jistgħu jikkonkludu tranżazzjoni billi jaċċettaw il-kwotazzjoni jew il-kwotazzjonijiet li jingħatawlu, meta mitluba.

3. "sistema ta' negozjar bil-vuċi" tfisser sistema tan-negozjar fejn it-tranżazzjonijiet bejn il-membri jiġu rranġati permezz ta' negozjar bil-vuċi.

KAPITOLU II

**TRASPARENZA TA' QABEL IN-NEGOZJAR GĦAS-SWIEQ REGOLATI, IL-FAĊILITAJIET MULTILATERALI TAN-NEGOZJAR U L-FAĊILITAJIET ORGANIZZATI TA' NEGOZJAR**

*Artikolu 2*

**Obbligi ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar**

(L-Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

L-operaturi fis-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu pubblika l-firxa tal-prezzijiet tat-talba u l-offerta u l-intensità ta' interess ta' negozjar b'dawk il-prezzijiet, skont it-tip ta' sistema ta' negozjar li joperaw u r-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 3*

**Ordnijiet li huma fuq kbar fl-iskala**

(L-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

Ordni jkun kbir fl-iskala meta mqabbel mad-daqs normali tas-suq fejn, fil-punt meta jiddaħħal l-ordni jew wara kwalunkwe emenda fl-ordni, ikun daqs jew akbar mid-daqs minimu ta' ordni li għandu jiġi ddeterminat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 13.

*Artikolu 4*

**It-tip u d-daqs minimu tal-ordnijiet miżmuma f'faċilità ta' ġestjoni tal-ordnijiet**

(L-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

1. It-tip ta' ordni miżmum f'faċilità ta' ġestjoni tal-ordnijiet ta' ċentru tan-negozjar li qiegħed jistenna biex jiġi divulgat għal liema jista' jkun hemm eżenzjoni mill-obbligi ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar, huwa ordni li:

(a) huwa maħsub li jiġi divulgat fil-ktieb tal-ordnijiet operat miċ-ċentru tan-negozjar u huwa kontinġenti fuq kundizzjonijiet oġġettivi li huma ddefiniti minn qabel mill-protokoll tas-sistema;

(b) ma jinteraġġix ma' interess ta' negozjar ieħor qabel id-divulgazzjoni tal-ktieb tal-ordnijiet operat miċ-ċentru tan-negozjar;

(c) ladarba jiġi divulgat fil-kotba tal-ordnijiet jinteraġixxi ma' ordnijiet oħrajn skont ir-regoli applikabbli għall-ordnijiet ta' dak it-tip fil-mument tad-divulgazzjoni.

2. Id-daqs minimu tal-ordnijiet miżmuma f'faċilità ta' ġestjoni tal-ordnijiet ta' ċentru tan-negozjar li qegħdin jistennew biex jiġu divulgati għal liema tista' ssir eżenzjoni mill-obbligi ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar, fil-punt ta' dħul fis-seħħ u wara kwalunkwe emenda, għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) fil-każ ta' ordni ta' riżerva, ugwali għal EUR 10 000 jew aktar;

(b) għall-ordnijiet l-oħrajn kollha, daqs li huwa ugwali għall-kwantità negozjabbli minima jew aktar stabbilit minn qabel mill-operatur tas-sistema skont ir-regoli u l-protokolli tiegħu.

3. Ordni ta' riżerva msemmi fil-paragrafu 2(a) għandu jiġi kkunsidrat bħala ordni tal-limitu li jikkonsisti minn ordni divulgat relatat ma' porzjon tal-kwantità u ordni mhux divulgat relatat mal-bqija tal-kwantità, fejn il-kwantità mhux divulgata għandha kapaċità ta' twettiq wara l-ħruġ tagħha biss fil-ktieb tal-ordnijiet bħala ordni divulgat ġdid.

*Artikolu 5*

**Daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju**

(L-Artikolu 8(4) u 9(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

1. Indikazzjoni ta' interess azzjonabbli tkun 'il fuq mid-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarji meta, fil-punt ta' dħul jew wara kwalunkwe emenda, tkun daqs jew ikbar mid-daqs minimu ta' indikazzjoni ta' interess azzjonabbli li tiġi ddeterminata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 13.

2. Il-prezzijiet indikattivi ta' qabel in-negozjar għal indikazzjonijiet ta' interess azzjonabbli li huma 'l fuq mid-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju ddeterminat skont il-paragrafu 1 u iżgħar mid-daqs rilevanti kbir fl-iskala ddeterminat skont l-Artikolu 3 għandhom jiġu kkunsidrati bħala qrib il-prezz tal-interessi ta' negozjar meta ċ-ċentru tan-negozjar jagħmel pubblika kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-aqwa prezz disponibbli;

(b) medja sempliċi tal-prezzijiet;

(c) prezz medju ponderat abbażi tal-volum, il-prezz, iż-żmien jew in-numru ta' indikazzjonijiet ta' interess azzjonabbli.

3. L-operaturi fis-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu pubblika l-metodoloġija għall-kalkolu tal-prezzijiet ta' qabel in-negozjar u ż-żmien tal-pubblikazzjoni meta jdaħħlu u jaġġornaw l-prezzijiet indikattivi ta' qabel in-negozjar.

*Artikolu 6*

**Il-klassijiet ta' strumenti finanzjarji għal liema m'hemmx suq likwidu**

(L-Artikolu 9(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

Strument finanzjarju jew klassi ta' strumenti finanzjarji għandhom jitqiesu bħala li ma għandhomx suq likwidu jekk ikun speċifikat hekk skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 13.

KAPITOLU III

**IT-TRASPARENZA TA' QABEL IN-NEGOZJAR GĦAĊ-ĊENTRI TA' NEGOZJAR U D-DITTI TA' INVESTIMENT LI JINNEGOZJAW BARRA MINN ĊENTRU TAN-NEGOZJAR**

*Artikolu 7*

**L-obbligi ta' trasparenza ta' wara n-negozjar**

(L-Artikolu 10(1) u Artikolu 21(1) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014

1. Id-ditti ta' investiment li jinnegozjaw barra mar-regoli ta' ċentru tan-negozjar u l-operaturi fis-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu pubbliċi b'referenza għal kull tranżazzjoni, id-dettalji stabbiliti fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness II u jużaw kull markatur applikabbli elenkat fit-Tabella 3 tal-Anness II.

2. Meta rapport tan-negozjar ippubblikat preċedentement jiġi kkanċellat, id-ditti ta' investiment li joperaw barra minn ċentru tan-negozjar u l-operaturi fis-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu pubbliku rapport ġdid tan-negozjar li jinkludi d-dettalji kollha tar-rapport tan-negozjar oriġinali u l-markatur ta' kanċel-lazzjoni speċifikat fit-Tabella 3 tal-Anness II.

3. Meta rapport tan-negozjar ippubblikat preċedentement jiġi emendat, id-ditti ta' investiment li joperaw barra minn ċentru tan-negozjar u l-operaturi fis-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu l-informazzjoni li ġejja pubblika:

(a) rapport tan-negozjar ġdid li jinkludi d-dettalji kollha tar-rapport tan-negozjar oriġinali u l-markatur ta' kanċellazzjoni speċifikat fit-Tabella 3 tal-Anness II;

(b) rapport tan-negozjar ġdid li jinkludi d-dettalji kollha tar-rapport tan-negozjar oriġinali bid-dettalji kollha meħtieġa li ġew korretti u l-markatur tal-emendi kif speċifikat fit-Tabella 3 tal-Anness II.

4. L-informazzjoni ta' wara n-negozjar għandha ssir disponibbli kemm jista' jkun qrib għall-ħin reali kemm teknikament possibbli u fi kwalunkwe każ:

(a) għall-ewwel tliet snin tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, fi żmien 15-il minuta wara t-twettiq tat-tranżazzjoni rilevanti;

(b) minn hemm 'il quddiem, fi żmien 5 minuti wara t-twettiq tat-tranżazzjoni rilevanti.

5. Meta tranżazzjoni bejn żewġ ditti ta' investiment tiġi konkluża barra r-regoli ta' ċentru tan-negozjar, kemm f'isimhom stess jew għan-nom tal-klijenti, hija biss id-ditta ta' investiment li tbigħ l-istrument finanzjarju kkonċernat li għandha tagħmel it-tranżazzjoni pubblika permezz ta' APA.

6. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 5, meta ditta ta' investiment waħda biss li tkun parti mit-tranżazzjoni tkun internalizzatur sistematiku fl-istrument finanzjarju partikolari u qiegħda taġixxi bħala d-ditta li qiegħda tixtri, hija biss dik id-ditta li għandha tagħmel it-tranżazzjoni pubblika permezz ta' APA, u tinforma lill-bejjiegħ dwar l-azzjoni meħuda.

7. Id-ditti ta' investiment għandhom jieħdu l-passi kollha raġonevoli sabiex jiżguraw li t-tranżazzjoni ssir pubblika bħala tranżazzjoni waħda. Għal dan il-għan, żewġ negozji korrispondenti li jiddaħħlu fl-istess ħin u bl-istess prezz b'parti waħda interposta għandhom jitqiesu bħala tranżazzjoni waħda.

8. L-informazzjoni relatata ma' tranżazzjoni bħala pakkett għandha ssir disponibbli fir-rigward ta' kull komponent qrib kemm teknikament possibbli il-ħin reali, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu allokati l-prezzijiet għal strumenti finanzjarji partikolari u għandha tinkludi l-markatur ta' tranżazzjoni bħala pakkett jew il-markatur għall-iskambju ma' assi fiżiċi kif speċifikat fit-Tabella 3 tal-Anness II. Meta t-tranżazzjoni bħala pakkett tkun eliġibbli għal pubblikazzjoni differita skont l-Artikolu 8, l-informazzjoni dwar i-komponenti kollha għandha ssir disponibbli wara li jkun skada l-perjodu ta' differiment għat-tranżazzjoni.

*Artikolu 8*

**Il-pubblikazzjoni differita tat-tranżazzjonijiet**

(L-Artikolu 11(1) u (3) u l-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

1. Meta awtorità kompetenti tawtorizza l-pubblikazzjoni differita tad-dettalji tat-tranżazzjonijiet skont l-Artikolu 11 (1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, id-ditti ta' investiment li jinnegozjaw barra minn ċentru tan-negozjar u l-operaturi fis-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu pubblika kull tranżazzjoni mhux aktar tard mis-19:00 tal-ħin lokali fit-tieni jum tax-xogħol wara d-data tat-tranżazzjoni, sakemm tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tranżazzjoni hija kbira fl-iskala meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq kif speċifikat fl-Artikolu 9;

(b) it-tranżazzjoni hija strument finanzjarju jew klassi ta' strumenti finanzjarji għal liema m'hemmx suq likwidu kif speċifikat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 13;

(c) it-tranżazzjoni titwettaq bejn ditta ta' investiment li tinnegozja f'isimha stess, minbarra fuq bażi matched principal skont l-Artikolu 4(1)(38) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u kontroparti oħra u hija 'l fuq mid-daqs speċifikat għall-istrument kif speċifikat fl-Artikolu 10;

(d) it-tranżazzjoni hija tranżazzjoni bħala pakkett li tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(i) wieħed jew aktar mill-komponenti ewlenin tagħha huma tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji li ma għandhomx suq likwidu;

(ii) wieħed jew aktar mill-komponenti tagħha huma tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji li huma kbar fl-iskala meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq kif stabbilit mill-Artikolu 9;

(iii) it-tranżazzjoni titwettaq bejn ditta ta' investiment li tinnegozja f'isimha stess, minbarra fuq bażi matched principal skont l-Artikolu 4(1)(38) tad-Direttiva 2014/65/UE u kontroparti oħra, u wieħed jew aktar mill-komponenti tagħha huma tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji li huma 'l fuq mid-daqs speċifikat għall-istrument kif iddeterminat mill-Artikolu 10.

[1] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

2. Meta jkun skada l-limitu ta' żmien tad-differiment stabbilit fil-paragrafu 1, id-dettalji kollha tat-tranżazzjoni għandhom jiġu ppubblikati, sakemm ma jingħatax perjodu ta' żmien estiż jew indefinit ta' differiment skont l-Artikolu 11.

3. Meta tranżazzjoni bejn żewġ ditti ta' investiment, jew f'isimhom stess jew għan-nom tal-klijenti, titwettaq barra r-regoli taċ-ċentru tan-negozjar, l-awtorità kompetenti rilevanti bil-għan li tiddetermina r-reġim ta' differiment applikabbli għandha tkun l-awtorità kompetenti tad-ditta ta' investiment responsabbli biex tagħmel in-negozjar pubbliku permezz ta' APA skont il-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 7.

*Artikolu 9*

**It-tranżazzjonijiet li huma fuq skala kbira**

(L-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

Tranżazzjoni għandha tkun titqies kbira fl-iskala (ta' daqs kbir), meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq meta tkun daqs jew ikbar mid-daqs minimu tat-tranżazzjoni, li għandu jiġi kkalkolat skont il-metodoloġija stabbilita lf-Artikolu 13.

*Artikolu 10*

**Id-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju**

(L-Artikolu 11(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

Tranżazzjoni għandha titqies akbar minn daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju meta tkun daqs jew ikbar mid-daqs minimu tat-tranżazzjoni, li għandu jiġi kkalkolat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 13.

*Artikolu 11*

**Ir-rekwiżiti ta' trasparenza flimkien mal-pubblikazzjoni differita skont id-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti**

(L-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

1. Meta l-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw is-setgħat tagħhom flimkien ma' awtorizzazzjoni ta' pubblikazzjoni differita skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, japplika dan li ġej:

(a) meta japplika l-Artikolu 11(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu l-pubblikazzjoni ta' waħda mill-informazzjoni li ġejja matul il-perjodu sħiħ tad-differiment kif stabbilit fl-Artikolu 8:

   (i) id-dettalji kollha ta' tranżazzjoni stabbiliti fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness II bl-eċċezzjoni tad-dettalji relatati mal-volum;

   (ii) it-tranżazzjonijiet f'forma aggregata ta' kuljum għal numru minimu ta' 5 tranżazzjonijiet imwettqa fl-istess jum, li għandhom isiru pubbliċi fil-jum tax-xogħol ta' wara, qabel 09.00 tal-ħin lokali.

(b) meta japplika l-Artikolu 11(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu l-omissjoni tal-pubblikazzjoni tal-volum ta' tranżazzjoni individwali għal perjodu ta' żmien estiż ta' erba' ġimgħat.

(c) fir-rigward tal-istrumenti mhux ta' ekwità li mhumiex dejn sovran u meta japplika l-Artikolu 11(3)(c) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu, għal perjodu ta' żmien ta' differiment estiż ta' erba' ġimgħat, il-pubblikazzjoni f'forma aggregata ta' diversi tranżazzjonijiet imwettqa matul ġimgħa kalendarja waħda, nhar it-Tlieta ta' wara, qabel 09.00 tal-ħin lokali.

(d) fir-rigward tal-istrumenti ta' dejn sovran u meta japplika l-Artikolu 11(3)(d) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu, għal perjodu ta' żmien indefinit, il-pubblikazzjoni ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata imwettqa matul il-kors ta' ġimgħa kalendarja waħda, nhar it-Tlieta ta' wara, qabel id-09.00 ħin lokali.

2. Meta l-perjodu ta' differiment estiż stabbilit fil-paragrafu 1(b) ikun skada, japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) fir-rigward tal-istrumenti kollha li mhumiex dejn sovran, il-pubblikazzjoni tad-dettalji sħaħ tat-tranżazzjonijiet individwali, fil-jum tax-xogħol li jmiss qabel id-09.00 ħin lokali;

(b) fir-rigward tal-istrumenti tad-dejn sovran, meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li ma jużawx l-opzjonijiet previsti fl-Artikolu 11(3)(b) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 konsekuttivament, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, il-pubblikazzjoni tad-dettalji sħaħ tat-tranżazzjonijiet individwali fil-jum tax-xogħol li jmiss, qabel id-09.00 ħin lokali;

(c) fir-rigward tal-istrumenti tad-dejn sovran, meta l-awtoritajiet kompetenti japplikaw l-opzjonijiet previsti fl-Artikolu 11(3)(b) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 konsekuttivament skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, il-pubblikazzjoni f'forma aggregata ta' diversi tranżazzjonijiet imwettqa fl-istess ġimgħa kalendarja, nhar it-Tlieta ta' wara l-iskadenza tal-perjodu estiż ta' differiment ta' erba' ġimgħat li jibdew jgħoddu mill-aħħar jum ta' dik il-ġimgħa kalendarja qabel id-09.00 ħin lokali.

3. Fir-rigward tal-istrumenti kollha li mhumiex dejn sovran, id-dettalji kollha tat-tranżazzjonijiet fuq bażi individwali għandhom jiġu ppubblikati erba' ġimgħat wara l-pubblikazzjoni tad-dettalji aggregati skont il-paragrafu 1(c) qabel id-09.00 ħin lokali.

4. Id-dejta aggregata ta' kuljum jew ta' kull gimgħa msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja għall-bonds, prodotti finanzjarji strutturati, derivattivi u kwoti tal-emissjonijiet fir-rigward ta' kull jum jew ġimgħa tal-perjodu kalendarju kkonċernat:

(a) il-prezz medju ponderat;

(b) il-volum totali nnegozjat kif imsemmi fit-Tabella 4 tal-Anness II;

(c) in-numru totali ta' tranżazzjonijiet.

5. It-tranżazzzjonijiet għandhom jiġu aggregati skont il-kodiċi ISIN. Meta l-kodiċi ISIN ma jkunx disponibbli, it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu aggregati fil-livell tal-klassi ta' strumenti finanzjarji għal liema japplika t-test tal-likwidità stabbilit fl-Artikolu 13.

6. Meta l-jum tal-ġimgħa previst għall-pubblikazzjonijiet stabbilit fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu 1, u l-paragrafi 2 u 3, ma jkunx jum tax-xogħol, il-pubblikazzjonijiet għandhom isiru fil-jum tax-xogħol ta' wara, qabel id-09.00 ħin lokali.

*Artikolu 12*

**Applikazzjoni tat-trasparenza ta' wara n-negozjar għal ċerti tranżazzjonijiet imwettqa barra ċentru tan-negozjar**

(L-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

L-obbligu li jsiru pubbliċi l-volum u l-prezz tat-tranżazzjonijiet u l-ħin li fih dawn ġew konklużi kif stabbilit fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 ma għandu japplika għall-ebda waħda minn dawn li ġejjin:

(a) it-tranżazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 ([1]);

(b) it-tranżazzjonijiet magħmula minn kumpanija tal-maniġment kif iddefinit fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jew maniġer ta' fondi ta' investiment alternattiv kif iddefinit fl-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li jittrasferixxu s-sjieda benefiċjarja tal-istrumenti finanzjarji minn impriża ta' investiment kollettiv għal oħra fejn l-ebda ditta ta' investiment mhija parti fit-tranżazzjoni;

---

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 tat-28 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-rapportar tat-tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti (Ara paġna 449 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([3]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

(c) "tranżazzjoni give-up" jew "tranżazzjoni give-in" li hija tranżazzjoni fejn ditta ta' investiment tgħaddi negozju ta' klijent lil, jew tirċievi negozju ta' klijent minn, ditta ta' investiment oħra għall-finijiet ta' pproċessar ta' wara n-negozjar;

(d) it-trasferimenti ta' strumenti finanzjarji bħall-kollaterali f'tranżazzjonijiet bilaterali jew fil-kuntest ta' marġni ta' kontroparti ċentrali (CCP) jew rekwiżiti ta' kollateral jew bħala parti mill-proċess ta' ġestjoni ta' inadempjenza ta' CCP.

KAPITOLU IV

## ID-DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI GĦAT-TRASPARENZA TA' QABEL IN-NEGOZJAR U TA' WARA N-NEGOZJAR

*Artikolu 13*

### Il-metodoloġija biex jitwettqu l-kalkoli ta' trasparenza

(L-Artikolu 9(1) u (2), l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

1. Biex jiġu ddeterminati l-istrumenti finanzjarji jew il-klassijiet ta' strumenti finanzjarji għal liema m'hemmx suq likwidu għall-finijiet tal-Artikolu 6 u l-punt (b) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 8, għandhom jiġu applikati l-metodoloġiji li ġejjin fil-klassijiet ta' assi kollha:

(a) Determinazzjoni statika tal-likwidità għal:

(i) il-klassi ta' assi ta' derivattivi titolizzati kif iddefinit fit-Tabella 4.1 tal-Anness III;

(ii) il-klassijiet ta' subassi ta' derivattivi ta' ekwità li ġejjin: l-opzjonijiet fuq l-indiċi, il-futuri/forwards ta' indiċi tal-istokks, l-opzjonijiet fuq l-ishma, il-futuri/forwards ta' stokks, l-opzjonijiet ta' dividendi tal-istokks, l-opzjonijiet tal-indiċi ta' dividendi, il-futuri/forwards tal-indiċi ta' dividendi, l-opzjonijiet tal-indiċi tal-volatilità, il-future/forwards tal-indiċi tal-volatilità, l-opzjonijiet tal-ETF, il-futuri/forwards tal-ETF u derivattivi ta' ekwità oħrajn kif iddefinit fit-Tabella 6.1 tal-Anness III;

(iii) il-klassi ta' assi ta' derivattivi tal-kambju kif iddefinit fit-Tabella 8.1 tal-Anness III;

(iv) il-klassijiet ta' subassi ta' derivattivi ta' rati tal-imgħax oħrajn, derivattivi ta' komoditajiet oħrajn, derivattivi ta' kreditu oħrajn, derivattivi C10 oħrajn, kuntratti għad-differenzi (CFDs) oħrajn, kwoti tal-emissjonijiet oħrajn u derivattivi ta' kwoti ta' emissjonijiet oħrajn kif iddefinit fit-Tabelli 5.1, 7.1, 9.1, 10.1, 11.1, 12.1 u 13.1 tal-Anness III.

(b) Valutazzjoni perjodika bbażata fuq kriterji ta' likwidità kwanitattivi u, fejn applikabbli, kwalitattivi:

(i) kull tip ta' bonds, għajr l-ETCs u ETNs kif iddefinit fit-Tabella 2.1 tal-Anness III u kif speċifikat aktar fl-Artikolu 17(1);

(ii) it-tipi ta' bonds ETC u ETN kif iddefinit fit-Tabella 2.4 tal-Anness III;

(iii) il-klassi ta' assi ta' derivattivi ta' rata tal-imgħax ħlief il-klassi ta' subassi ta' derivattivi tar-rata tal-imgħax oħrajn kif iddefinit fit-Tabella 5.1 tal-Anness III;

(iv) il-klassijiet ta' subassi ta' derivattivi ta' ekwità li ġejjin: is-swaps u l-iswaps tal-portafoll kif iddefinit fit-Tabella 6.1 tal-Anness III;

(v) il-klassi ta' assi ta' derivattivi ta' komoditajiet, għajr il-klassi ta' subassi ta' derivattivi ta' komoditajiet oħrajn kif iddefinit fit-Tabella 7.1 tal-Anness III;

(vi) il-klassijiet ta' subassi li ġejjin ta' derivattivi ta' kreditu: swaps ta' inadempjenza ta' kreditu tal-indiċi u swaps ta' inadempjenza ta' kreditu taħt isem wieħed kif iddefinit fit-Tabella 9.1 tal-Anness III;

(vii) il-klassi ta' assi ta' derivattivi C10 għajr il-klassi ta' subassi ta' derivattivi C10 oħrajn kif iddefinit fit-Tabella 10.1 tal-Anness III;

(viii) il-klassijiet ta' subassi li ġejjin ta' kuntratti għad-differenza (CFDs): is-CFDs tal-muniti u s-CFDs tal-komoditajiet kif iddefinit fit-Tabella 11.1 tal-Anness III;

(ix) il-klassi ta' assi ta' kwoti tal-emissjonijiet, għajr il-klassi ta' subassi ta' kwoti tal-emissjonijiet oħrajn kif iddefinit fit-Tabella 12.1 tal-Anness III;

(x) il-klassi ta' assi ta' derivattivi ta' kwoti ta' emissjonijiet ħlief il-klassi ta' subassi ta' derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet oħrajn kif iddefinit fit-Tabella 13.1 tal-Anness III.

(c) Valutazzjoni perjodika bbażata fuq kriterji ta' likwidità kwalitattiva għal:

(i) il-klassijiet ta' subassi li ġejjin ta' derivattivi ta' kreditu: L-opzjonijiet tal-indiċi tas-CDS u l-għażliet tas-CDS taħt isem wieħed kif iddefinit fit-Tabella 9.1 tal-Anness III;

(ii) il-klassijiet ta' subassi li ġejjin ta' kuntratti għad-differenza (CFDs): CFDs ta' ekwità, CFDs ta' bonds, CFDs fuq futur/forward ta' ekwità u CFDs fuq opzjoni ta' ekwità kif iddefinit fit-Tabella 11.1 tal-Anness III.

(d) Valutazzjoni perjodika bbażata fuq metodoloġija ta' żewġ testijiet għal prodotti finanzjarji strutturati kif iddefinit fit-Tabella 3.1 tal-Anness III.

2. Biex jiġi ddeterminat id-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju msemmi fl-Artikolu 5 u l-ordnijiet li huma kbar fl-iskala, meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq imsemmi fl-Artikolu 3, għandhom jiġu applikati l-metodoloġiji li ġejjin:

(a) il-valur tal-livell limitu għal:

(i) it-tipi ta' bonds ETC u ETN kif iddefinit fit-Tabella 2.5 tal-Anness III;

(ii) il-klassi ta' assi ta' derivattivi titolizzati kif iddefinit fit-Tabella 4.2 tal-Anness III;

(iii) kull subklassi ta' derivattivi ta' ekwità kif iddefinit fit-Tabelli 6.2 u 6.3 tal-Anness III;

(iv) kull subklassi ta' derivattivi tal-kambju kif iddefinit fit-Tabella 8.2 tal-Anness III;

(v) kull subklassi kkunsidrata bħala li ma għandhiex suq likwidu għall-klassijiet tal-assi ta' derivattivi ta' rati tal-imgħax, derivattivi ta' komoditajiet, derivattivi ta' kreditu, derivattivi C10 u kuntratti għad-differenza (CFDs) kif iddefinit fit-Tabelli 5.3, 7.3, 9.3, 10.3 u 11.3 tal-Anness III;

(vi) kull klassi ta' subassi kkunsidrata bħala li ma għandhiex suq likwidu għall-klassijiet ta' assi ta' kwoti ta' emissjonijiet u derivattivi ta' kwoti ta' emissjonijiet kif iddefinit fit-Tabelli 12.3 u 13.3 tal-Anness III;

(vii) kull prodott finanzjarju strutturat fejn it-Test 1 skont il-paragrafu 1(d) ma jingħaddiex kif iddefinit fit-Tabella 3.2 tal-Anness III;

(viii) kull prodott finanzjarju strutturat ikkunsidrat bħala li ma għandux suq likwidu fejn it-Test 1 biss skont il-paragrafu 1(d) jingħadda kif iddefinit fit-Tabella 3.3 tal-Anness III.

(b) l-ikbar wieħed mid-daqsijiet ta' negozjar taħt liema jinstab il-perċentwal tat-tranżazzjonijiet korrispondenti għall-perċentili tan-negozjar, kif speċifikat aktar fl-Artikolu 17(3) u l-aktar livell limitu baxx għal:

(i) kull tip ta' bond, ħlief l-ETCs u l-ETNs, kif iddefinit fit-Tabella 2.3 tal-Anness III;

(ii) kull subklassi li għandha suq likwidu għall-klassijiet tal-assi ta' derivattivi ta' rati tal-imgħax, derivattivi ta' komoditajiet, derivattivi ta' kreditu, derivattivi C10 u CFDs kif iddefinit fit-Tabelli 5.2, 7.2, 9.2, 10.2 u 11.2 tal-Anness III;

(iii) kull klassi ta' subassi li għandha suq likwidu għall-klassijiet ta' assi ta' kwoti tal-emissjonijiet u derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet kif iddefinit fit-Tabelli 12.2 u 13.2 tal-Anness III;

(iv) kull prodott finanzjarju strutturat ikkunsidrat li għandu suq likwidu fejn it-Test 1 u Test 2 skont il-paragrafu 1(d) jingħaddew kif iddefinit fit-Tabella 3.3 tal-Anness III.

3. Biex jiġi ddeterminat id-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju msemmi fl-Artikolu 8(1)(c) u t-tranżazzjonijiet li huma fuq skala kbira, meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq imsemmi fl-Artikolu 8(1)(a), għandhom jiġu applikati l-metodoloġiji li ġejjin:

(a) il-valur tal-livell limitu għal:

(i) it-tipi ta' bonds ETC u ETN kif iddefinit fit-Tabella 2.5 tal-Anness III;

(ii) il-klassi ta' assi ta' derivattivi titolizzati kif iddefinit fit-Tabella 4.2 tal-Anness III;

(iii) kull subklassi ta' derivattivi ta' ekwità kif iddefinit fit-Tabelli 6.2 u 6.3 tal-Anness III;

(iv) kull subklassi ta' derivattivi tal-kambju kif iddefinit fit-Tabella 8.2 tal-Anness III;

(v) kull subklassi kkunsidrata bħala li ma għandhiex suq likwidu għall-klassijiet tal-assi ta' derivattivi ta' rati tal-imgħax, derivattivi ta' komoditajiet, derivattivi ta' kreditu, derivattivi C10 u kuntratti għad-differenza (CFDs) kif iddefinit fit-Tabelli 5.3, 7.3, 9.3, 10.3, 11.3 tal-Anness III;

(vi) kull klassi ta' subassi kkunsidrata bħala li ma għandhiex suq likwidu għall-klassi ta' assi ta' kwoti tal-emissjonijiet u derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet kif iddefinit fit-Tabelli 12.3 u 13.3 tal-Anness III;

(vii) kull prodott finanzjarju strutturat fejn it-Test 1 skont il-paragrafu 1(d) ma jingħaddiex kif iddefinit fit-Tabella 3.2 tal-Anness III;

(viii) kull prodott finanzjarju strutturat ikkunsidrat bħala li ma għandux suq likwidu fejn ikun ingħadda biss it-Test 1 skont il-paragrafu 1(d) kif iddefinit fit-Tabella 3.3 tal-Anness III.

(b) id-daqs tan-negozju taħt liema jinstab il-perċentwal tat-tranżazzjonijiet li jikkorrispondu għall-perċentili tan-negozjar għal kull tip ta' bond, ħlief l-ETCs u l-ETNs, kif iddefinit fit-Tabella 2.3 tal-Anness III;

(c) l-ikbar wieħed mid-daqsijiet tan-negozju taħt liema jinstab il-perċentwal tat-tranżazzjonijiet li jikkorrispondi għall-perċentil tan-negozjar, id-daqs tan-negozjar taħt liema jinstab il-perċentwal tal-volum li jikkorrispondi għall-perċentil tal-volum u l-aktar livell limitu baxx għal kull subklassi kkunsidrata li għandha suq likwidu għall-klassijiet ta' assi ta' derivattivi ta' rati tal-imgħax, derivattivi ta' komoditajiet, derivattivi ta' kreditu, derivattivi C10 u CFDs kif previst fit-Tabelli 5.2, 7.2, 9.2, 10.2 u 11.2 tal-Anness III;

(d) l-ikbar wieħed mid-daqsijiet ta' negozju taħt liema jinstab il-perċentwal tat-tranżazzjonijiet li jikkorrispondu għall-perċentil tan-negozju u l-aktar livell limitu baxx għal:

(i) kull klassi ta' subassi kkunsidrata bħala li għandha suq likwidu għall-klassijiet ta' assi ta' kwoti ta' emissjonijiet u derivattivi ta' kwoti ta' emissjonijiet kif ipprovdut fit-Tabelli 12.2 u 13.2 tal-Anness III;

(ii) kull prodott finanzjarju strutturat ikkunsidrat bħala li għandu suq likwidu fejn it-Test 1 u t-Test 2 jiġu mgħoddija skont il-paragrafu 1(d) kif definit fit-Tabella 3.3 tal-Anness III.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3(c) fejn id-daqs tan-negozju li jikkorrispondi għall-perċentil ta' volum għad-determinazzjoni tat-tranżazzjoni li hija fuq skala kbira meta mqabbla ma' daqs normali tas-suq huwa ikbar mill-perċentil 97,5 tan-negozju, il-volum tan-negozjar ma għandux jitqies u d-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju msemmi fl-Artikolu 8(1)(c) u d-daqs tat-tranżazzjonijiet fuq skala kbira meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq imsemmi fl-Artikolu 8(1)(a) għandu jiġi ddeterminat bħala l-ikbar wieħed mid-daqs ta' negozjar taħt liema jinstab il-perċentwal tat-tranżazzjonijiet li jikkorrispondu għall-perċentili tan-negozjar u l-aktar livell limitu baxx.

5. Skont ir-Regolamenti Delegati (UE) 2017/590 u (UE) 2017/577, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru fuq bażi ta' kuljum id-dejta miċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs u s-CTPs li hija meħtieġa biex jitwettqu l-kalkoli biex jiġu ddeterminati:

(a) l-istrumenti finanzjarji u l-klassijiet ta' strumenti finanzjarji li ma għandhomx suq likwidu kif stabbilit fil-paragrafu 1;

(b) id-daqsijiet kbar fl-iskala meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq u d-daqs speċifiku għall-istrument kif stabbilit fil-paragrafi 2 u 3.

6. L-awtoritajiet kompetenti li jwettqu kalkoli għal klassi ta' strumenti finanzjarji għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn xulxin biex jiżguraw l-aggregazzjoni tad-dejta fl-Unjoni meħtieġa għall-kalkoli.

7. Għall-fiinijiet tal-paragrafu 1(b) u (d), paragrafu 2(b) u paragrafu 3(b), (c) u (d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu t-tranżazzjonijiet magħmula fl-Unjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

8. Id-daqs tan-negozju għall-finijiet tal-paragrafu 2(b) u l-paragrafu 3(b), (c) u (d) għandu jiġi ddeterminat skont il-kejl tal-volum kif iddefinit fit-Tabella 4 tal-Anness II. Meta d-daqs tan-negozjar iddefinit għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3 jiġi espress f'valur monetarju u l-istrument finanzjarju ma jkunx iddenominat f'euro, id-daqs tan-negozjar għandu jiġi kkonvertit għall-munita li jiġi ddenominat fiha dak l-istrument finanzjarju billi tiġi applikata r-rata ta' referenza tal-kambju tal-euro tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

9. L-operaturi fis-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar jistgħu jikkonvertu d-daqsijiet tan-negozjar iddeterminati skont il-paragrafi 2 u 3 għan-numru korrispondenti ta' lottijiet kif iddefinit minn qabel minn dak iċ-ċentru tan-negozjar għas-subklassi jew klassi ta' subklassijiet rispettiva. L-operaturi fis-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar jistgħu jżommu tali daqsijiet tan-negozjar sal-applikazzjoni tar-riżultati tal-kalkoli li jmiss imwettqa skont il-paragrafu 17.

10. Il-kalkoli msemmija fil-paragrafu 2(b)(i) u l-paragrafu 3(b) għandhom jeskludu t-tranżazzjonijiet daqs jew inqas minn EUR 100 000.

11. Għall-finijiet tad-determinazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, punti (b) tal-paragrafu 2 u punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 3 ma għandhomx japplikaw kull meta n-numru ta' tranżazzjonijiet ikkunsidrati għall-kalkoli jkun iżgħar minn 1 000, f'liema każ għandhom japplikaw il-livelli limitu li ġejjin:

(a) EUR 100 000 għat-tipi ta' bonds kollha għajr l-ETCs u l-ETNs;

(b) il-valuri tal-livelli limitu ddefiniti fil-paragrafu 2(a) u l-paragrafu 3(a) għall-istrumenti finanzjarji kollha mhux koperti fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

12. Ħlief meta jirreferu għall-kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom, il-kalkoli msemmija fil-paragrafu 2(b) u l-paragrafu 3(b), (c) u (d) għandhom jitqarrbu lejn:

(a) 100 000 li jmiss meta l-valur tal-livell limitu huwa iżgħar minn 1 miljun;

(b) 500 000 li jmiss meta l-valur tal-livell limitu huwa ikbar minn 1 miljun iżda iżgħar minn 10 miljuni;

(c) 5 miljuni li jmiss meta l-valur tal-livell limitu huwa ikbar minn 10 miljuni iżda iżgħar minn 100 miljun;

(d) 25 miljuni meta l-valur tal-livell limitu ikun 100 miljun jew aktar.

13. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-kriterji ta' likwidità kwantitattivi speċifikati għal kull klassi ta' assi fl-Anness III għandhom jiġu ddeterminati skont it-Taqsima 1 tal-Anness III.

14. Għal derivattivi ta' ekwità li huma ammessi għan-negozjar jew li jiġu nnegozjati l-ewwel darba f'ċentru tan-negozjar, li ma jagħmlux parti minn subklassi għal liema d-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju msemmi fl-Artikolu 5 u l-Artikolu 8(1)(c) u d-daqs tal-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet kbar fl-iskala meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq imsemmi fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 8(1)(a) ġew ippubblikati u li jagħmlu parti minn waħda mill-klassijiet ta' subassi speċifikati fil-paragrafu 1(a)(ii), id-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju u d-daqs tal-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet kbar fl-iskala meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq għandhom ikunu dawk applikabbli għall-iżgħar faxxa tal-ammont nozzjonali ta' kuljum medju (ADNA) tal-klassi ta' subassi li jagħmel parti minnhom id-derivattiv ta' ekwità.

15. L-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar jew li ġew innegozjati l-ewwel darba f'ċentru tan-negozjar, li ma jappartjenux għal xi subklassi għal liema d-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju msemmi fl-Artikolu 5 u l-Artikolu 8(1)(c) u d-daqs tal-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet kbar fl-iskala meta mqabbel mad-daqs normali tas-suq imsemmi fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 8(1)(a) ġew ippubblikati u għandhom jiġu kkunsidrati bħala li ma għandhomx suq likwidu sal-applikazzjoni tar-riżultati tal-kalkoli mwettqa skont il-paragrafu 17. Id-daqs speċifiku applikabbli għall-istrument finanzjarju msemmi fl-Artikolu 5 u l-Artikolu 8(1)(c) u d-daqs tal-ordnijiet u t-tranżazzjonjiet fuq skala kbira, meta mqabbel mad-daqs normali tas-suq imsemmi fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 8(1)(a) għandhom ikunu dawk tas-subklassijiet ddeterminata bħala li ma għandhomx suq likwidu li jagħmel parti mill-istess klassi ta' subassi.

16. Wara tmiem il-jum ta' negozjar iżda qabel tmiem il-jum, iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti, id-dettalji inklużi fl-Anness IV għat-twettiq tal-kalkoli msemmija fil-paragrafu 5, kull meta l-istrument finanzjarju jiġi ammess għan-negozjar jew jiġi nnegozjat l-ewwel f'dak iċ-ċentru tan-negozjar jew kull meta d-dettalji li jkunu ġew ipprovduti preċedentement ikunu nbidlu.

17. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-kalkoli msemmija fil-paragrafu 5 għal kull strument finanzjarju u l-klassi ta' strument finanzjarju sat-30 ta' April tas-sena ta' wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u sat-30 ta' April ta' kull sena minn hemm 'il quddiem. Ir-riżultati tal-kalkoli għandhom japplikaw mill-1 ta' Ġunju kull sena wara l-pubblikazzjoni.

18. Għall-finijiet tal-kalkoli fil-paragrafu 1(b)(i) u permezz ta' deroga mill-paragrafi 7, 15 u 17, fir-rigward tal-bonds, ħlief l-ETCs u l-ETNs, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni tal-kalkoli msemmija fil-paragrafu 5(a) fuq bażi trimestrali, fl-ewwel jum ta' Frar, Mejju, Awwissu u Novembru wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u fl-ewwel jum ta' Frar, Mejju, Awwissu u Novembru kull sena minn hemm 'il quddiem. Il-kalkoli għandhom jinkludu t-tranżazzjonijiet imwettqa fl-Unjoni matul it-trimestru kalendarju preċedenti u għandhom japplikaw għall-perjodu ta' 3 xhur qabel is-sittax-il jum ta' Frar, Mejju, Awwissu u Novembru ta' kull sena.

19. Il-bonds, ħlief l-ETCs u l-ETNs, li huma ammessi għan-negozjar jew li ġew innegozjati l-ewwel darba f'ċentru tan-negozjar matul l-ewwel xahrejn ta' trimestru għandhom jiġu kkunsidrati bħala li għandhom suq likwidu kif speċifikat fit-Tabella 2.2 tal-Anness III sal-applikazzjoni tar-riżultati tal-kalkolu tat-trimestru tal-kalendarju.

20. Il-bonds, ħlief l-ETCs u l-ETNs, li huma ammessi għan-negozjar jew li ġew innegozjati l-ewwel darba f'ċentru tan-negozjar matul l-aħħar xahar ta' trimestru għandhom jiġu kkunsidrati bħala li għandhom suq likwidu kif speċifikat fit-Tabella 2.2 tal-Anness III sal-applikazzjoni tar-riżultati tal-kalkolu tat-trimestru tal-kalendarju ta' wara.

*Artikolu 14*

**It-tranżazzjonijiet li għalihom tapplika l-eżenzjoni fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014**

(L-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

Tranżazzjoni għandha titqies bħala magħmula minn membru tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) fit-twettiq tal-politika monetarja, dwar il-kambju u l-istabbiltà finanzjarja fejn dik it-tranżazzjoni tissodisfa xi wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) it-tranżazzjoni titwettaq għall-finijiet ta' politika monetarja, inkluż operazzjoni mwettqa skont l-Artikoli 18 u 20 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew operazzjoni li twettqet skont dispożizzjonijiet nazzjonali ekwivalenti għall-membri tas-SEBĊ fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro;

(b) it-tranżazzjoni hija operazzjoni ta' kambju, li tinkludi operazzjonijiet imwettqa biex jinżammu jew jiġu ġestiti riżervi barranin uffiċjali tal-Istati Membri jew is-servizz ta' ġestjoni tar-riżerva pprovdut minn membru tas-SEBĊ lil banek ċentrali f'pajjiżi oħrajn għal liema l-eżenzjoni ġiet estiża skont l-Artikolu 1(9) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(c) it-tranżazzjoni ssir għall-finijiet tal-politika ta' stabbiltà finanzjarja.

*Artikolu 15*

**It-tranżazzjonijiet li għalihom ma tapplikax l-eżenzjoni fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014**

(L-Artikolu 1(7) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

L-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 ma għandux japplika għat-tipi ta' tranżazzjonijiet li ġejjin magħmula minn membru tas-SEBĊ għat-twettiq ta' operazzjoni ta' investiment li ma tkunx marbuta mat-twettiq ta' wieħed mill-kompiti msemmija fl-Artikolu 14 min-naħa tal-membru:

(a) it-tranżazzjonijiet magħmula għall-ġestjoni tal-fondi proprji;

(b) it-tranżazzjoniijiet magħmula għall-finijiet amministrattivi jew għall-persunal tal-membru tas-SEBĊ li jinkludu tranżazzjonijiet imwettqa fil-kapaċità bħala amministratur ta' skema ta' pensjonijiet għall-persunal tiegħu;

(c) it-tranżazzjonijiet magħmula għall-portafoll ta' investiment tiegħu skont l-obbligi fil-liġi nazzjonali.

*Artikolu 16*

**Sospensjoni temporanja tal-obbligi ta' trasparenza**

(L-Artikolu 9(5)(a) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

1. Għall-istrumenti finanzjarji għal liema hemm suq likwidu skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 13, awtorità kompetenti tista' tissospendi b'mod temporanju l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 fejn għal klassi ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi, il-volum totali kif iddefinit fit-Tabella 4 tal-Anness II kkalkolat għat-30 jum kalendarju ta' qabel jirrappreżenta inqas minn 40 % tal-volum medju ta' kull xahar ikkalkulat għat-12-il xahar kalendarju sħaħ ta' qabel dawk it-30 jum kalendarju.

2. Għall-istrumenti finanzjarji għal liema m'hemmx suq likwidu skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 13, awtorità kompetenti tista' tissospondi b'mod temporanju l-obbligi msemmija fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 fejn għal klassi ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi, il-volum totali kif iddefinit fit-Tabella 4 tal-Anness II kalkulat għat-30 jum kalendarju ta' qabel jirrappreżenta inqas minn 20 % tal-volum medju ta' kull xahar ikkalkulat għat-12-il xahar kalendarju sħaħ ta' qabel dawk it-30 jum kalendarju.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu t-tranżazzjonijiet imwettqa fiċ-ċentri tan-negozjar kollha fl-Unjoni għall-klassi ta' bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti ta' emissjonijiet jew derivattivi kkonċernati meta jitwettqu l-kalkoli msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Il-kalkoli għandhom jitwettqu fil-livell tal-klassi ta' strumenti finanzarji li għalihom jiġi applikat it-test ta' likwidità stabbilit fl-Artikolu 13.

4. Qabel ma l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jissospendu l-obbligi ta' trasparenza, dawn għandhom jiżguraw li t-tnaqqis sinifikanti fil-likwidità fiċ-ċentri kollha ma jkunx ir-riżultat ta' effetti staġonali tal-klassi rilevanti ta' strumenti finanzjarji fuq il-likwidità.

*Artikolu 17*

**Il-provvedimenti għall-valutazzjoni tal-likwidità għall-bonds u għad-determinazzjoni tad-daqs speċifiku ta' qabel in-negozjar għal-livelli limitu tal-istrumenti bbażati fuq il-perċentili ta' negozjar**

1. Biex jiġu ddeterminati l-bonds li għalihom m'hemmx suq likwidu għall-finijiet tal-Artikolu 6 u skont il-metodoloġija speċifikata fl-Artikolu 13(1)(b), għandu jittieħed l-approċċ għall-kriterju ta' likwidità "numru medju ta' kuljum ta' negozji" li japplika n-"numru medju ta' kuljum ta' negozji" li jikkorrispondi għall-istadju S1 (15-il negozju kuljum).

2. Il-bonds maħruġa minn kumpanija u l-bonds koperti li huma ammessi għan-negozjar jew li jiġu nnegozjati l-ewwel darba f'ċentru tan-negozjar għandhom jiġu kkunsidrati bħala li għandhom suq likwidu sal-applikazzjoni tar-riżultati tad-determinazzjoni tal-likwidità tal-ewwel trimestru kif stabbilit fl-Artikolu 13(18) fejn:

(a) id-daqs tal-ħruġ jaqbeż EUR 1 000 000 000 matul l-istadji S1 u S2, kif iddeterminat skont il-paragrafu 6;

(b) id-daqs tal-ħruġ jaqbeż EUR 500 000 000 matul l-istadji S3 u S4, kif iddeterminat skont il-paragrafu 6.

3. Biex jiġi ddeterminat id-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju għall-finijiet tal-Artikolu 5 u skont il-metodoloġija speċifikata fl-Artikolu 13(2)(b), l-approċċ għall-perċentil tan-negozjar li għandu jintuża billi jiġi applikat il-perċentil tan-negozju li jikkorrispondi għall-istadju S1 (it-30 perċentil).

4. L-ESMA, sat-30 ta' Lulju tas-sena wara d-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u sat-30 ta' Lulju ta' kull sena wara dan, għandha tippreżenta lill-Kummissjoni valutazzjoni tal-operat tal-livelli limitu għall-kriterju tal-likwidità "numru medju ta' kuljum ta' negozji" għall-bonds kif ukoll għall-perċentili tan-negozjar li jiddeterminaw id-daqs speċifiku għall-istrumenti finanzjarji koperti mill-paragrafu 8. L-obbligu għall-preżentazzjoni tal-valutazzjoni tal-operat tal-livelli limitu għall-kriterju tal-likwidità għall-bonds jieqaf ladarba jintlaħaq S4 fis-sekwenza tal-paragrafu 6. L-obbligu għall-preżentazzjoni tal-valutazzjoni tal-perċentili tan-negozjar jieqaf ladarba jintlaħaq S4 fis-sekwenza tal-paragrafu 8.

5. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tqis dan li ġej:

(a) l-evoluzzjoni tal-volumi ta' negozjar fi strumenti ta' mhux ekwità koperti mill-obbligi ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar skont l-Artikolu 8 u 9 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(b) l-impatt fuq il-fornituri tal-likwidità tal-livelli limitu ta' perċentili użati biex jiġi ddeterminat id-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju; u

(c) kwalunkwe fattur rilevanti ieħor.

6. Fid-dawl tal-valutazzjoni mwettqa skont il-paragrafi 4 u 5, l-ESMA għandha tippreżenta lill-Kummissjoni verżjoni emendata tal-istandard tekniku regolatorju li jaġġusta l-livell limitu għall-kriterju ta' likwidità "numru medju ta' kuljum ta' negozji" għall-bonds skont is-sekwenza li ġejja:

(a) S2 (10 negozji kuljum) sat-30 ta' Lulju tas-sena ta' wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(b) S3 (7 negozji kuljum) sat-30 ta' Lulju tas-sena minn hemm 'il quddiem; u

(c) S4 (żewġ negozji kuljum) sat-30 ta' Lulju tas-sena minn hemm 'il quddiem.

7. Meta l-ESMA ma tippreżentax standard tekniku regolatorju emendat li jaġġusta l-livell limitu għall-istadju li jmiss skont is-sekwenza msemmija fil-paragrafu 6, il-valutazzjoni tal-ESMA mwettqa skont il-paragrafi 4 u 5 għandha tispjega għaliex l-aġġustament tal-livell limitu għall-istadju rilevanti li jmiss mhuwiex iġġustifikat. F'dan il-każ, il-pass għall-istadju li jmiss ser ikun pospost b'sena.

8. Fid-dawl tal-valutazzjoni mwettqa skont il-paragrafi 4 u 5, l-ESMA għandha tippreżenta lill-Kummissjoni verżjoni emendata tal-istandard tekniku regolatorju li jaġġusta l-livell limitu għall-perċentili tan-negozjar skont is-sekwenza li ġejja:

(a) S2 (l-40 perċentil) sat-30 ta' Lulju tas-sena ta' wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(b) S3 (il-50 perċentil) sat-30 ta' Lulju tas-sena minn hemm 'il quddiem; u

(c) S4 (is-60 perċentil) sat-30 ta' Lulju tas-sena minn hemm 'il quddiem.

9. Meta l-ESMA ma tippreżentax standard tekniku regolatorju emendat li jaġġusta l-livell limitu għall-istadju li jmiss skont is-sekwenza msemmija fil-paragrafu 8, il-valutazzjoni tal-ESMA mwettqa skont il-paragrafi 4 u 5 għandha tispjega għaliex l-aġġustament tal-livell limitu għall-istadju rilevanti li jmiss mhuwiex iġġustifikat. F'dan il-każ, il-pass għall-istadju li jmiss ser ikun pospost b'sena.

*Artikolu 18*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. L-awtoritajiet kompetenti, sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, għandhom jiġbru d-dejta meħtieġa, jikkalkulaw u jiżguraw il-pubblikazzjoni tad-dettalji msemmija fl-Artikolu 13(5).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1:

(a) il-kalkoli għandhom ikunu bbażati fuq perjodu ta' referenza ta' sitt xhur li jibda 18-il xahar qabel id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(b) ir-riżultati tal-kalkoli inklużi fl-ewwel pubblikazzjoni għandhom jintużaw sakemm japplikaw ir-riżultati tal-ewwel kalkoli regolari stabbiliti fl-Artikolu 13(17).

3. B'deroga mill-paragrafu 1, għall-bonds kollha, ħlief l-ETCs u l-ETNs, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jiżguraw il-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-kalkoli ta' trasparenza speċifikati fil-paragrafu 1(b)(i) tal-Artikolu 13 mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xahar ta' qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, fuq il-bażi ta' perjodu ta' referenza ta' tliet xhur li jibda fl-ewwel jum tal-ħames xahar ta' qabel id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

4. L-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi fis-suq u d-ditti ta' investiment li jinkludu d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jużaw l-informazzjoni ppubblikata skont il-paragrafu 3 sakemm japplikaw ir-riżultati tal-ewwel kalkolu regolari stabbilit fl-Artikolu 13(18).

5. Il-bonds, ħlief l-ETCs u l-ETNs, li jiġu ammessi għan-negozjar jew li jiġu nnegozjati l-ewwel f'ċentru tan-negozjar fil-perjodu ta' tliet xhur ta' qabel id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandhom jitqiesu bħala li ma għandhomx suq likwidu kif stabbilit fit-Tabella 2.2 tal-Anness III sakemm japplikaw ir-riżultati tal-ewwel kalkolu regolari stabbilit fl-Artikolu 13(18).

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mit-3 ta' Jannar 2018. Madankollu, l-Artikolu 18 għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

## Deskrizzjoni tat-tip ta' sistema u l-informazzjoni relatata li għandha ssir pubblika skont l-Artikolu 2

### L-informazzjoni li għandha ssir pubblika skont l-Artikolu 2

| It-tip ta' sistema | Deskrizzjoni tas-sistema | L-informazzjoni li għandha ssir pubblika |
|---|---|---|
| Sistema ta' negozjar b'irkanti kontinwi permezz ta' ktieb tal-ordnijiet | Sistema li permezz ta' ktieb tal-ordnijiet u algoritmu tan-negozjar imħaddma mingħajr l-intervent tal-bniedem tqabbel l-ordnijiet ta' bejgħ mal-ordnijiet ta' xiri fuq il-bażi tal-aħjar prezz disponibbli fuq bażi kontinwa. | Għal kull strument finanzjarju, in-numru aggregat tal-ordinijiet u l-volum li huma jirrappreżentaw f'kull livell tal-prezzijiet, għal mill-inqas l-aqwa ħames livelli tal-prezz tat-talba u l-offerta. |
| Sistema ta' negozjar ibbażata fuq il-kwotazzjonijiet | Sistema fejn it-tranżazzjonijiet jiġu konklużi fuq il-bażi ta' kwotazzjonijiet sodi li jitqiegħdu kontinwament għad-dispożizzjoni tal-parteċipanti, li teħtieġ li l-ġeneraturi tas-suq iżommu l-kwotazzjonijiet f'daqs li jibbilanċja l-ħtiġijiet tal-membri u tal-parteċipanti biex jagħmlu negozju f'daqs kummerċjali u r-riskju li għalih jesponi ruħu l-ġeneratur tas-suq. | Għal kull strument finanzjarju, l-aħjar talba u offerta skont il-prezz ta' kull ġeneratur tas-suq f'dak l-istrument, flimkien mal-volumi marbutin ma' dawk il-prezzijiet.<br>Il-kwotazzjonijiet li jsiru pubbliċi għandhom ikunu dawk li jirrappreżentaw impenji li jorbtu biex jinxtraw jew jinbiegħu l-istrumenti finanzjarji u li jindikaw il-prezz u l-volum ta' strumenti finanzjarji fejn il-ġeneraturi tas-suq reġistrati huma preparati biex jixtru jew ibiegħu. Madankollu, f'kundizzjonijiet eċċezzjonali tas-suq, prezzijiet indikattivi jew f'unidirezzjonali jistgħu jiġu permessi għal perjodu ta' żmien limitat. |
| Sistema ta' negozjar b'irkanti perjodiċi | Sistema li tqabbel l-ordnijiet fuq il-bażi ta' rkant perjodiku u algoritmu tan-negozjar imħaddma mingħajr l-intervent tal-bniedem. | Għal kull strument finanzjarju, il-prezz li bih is-sistema ta' negozjar b'irkant tissodisfa l-aħjar l-algoritmu tan-negozjar u l-volum li jista' jkun eżegwibbli b'dak il-prezz mill-parteċipanti f'dik is-sistema. |
| Sistema ta' negozjar ibbażata fuq talba għal kwotazzjonijiet | Sistema ta' negozjar fejn kwotazzjoni jew kwotazzjonijiet huma pprovduti b'rispons għal talba għal kwotazzjoni sottomessa minn membru jew parteċipant wieħed jew aktar. Il-kwotazzjoni hija eżegwibbli esklussivament mill-membru jew mill-parteċipant tas-suq li jagħmel it-talba. Il-membru jew il-parteċipant li jagħmel it-talba jista' jikkonkludi tranżazzjoni billi jaċċetta l-kwotazzjoni jew il-kwotazzjonijiet ipprovduti lilha fuq talba. | Il-kwotazzjonijiet u l-volumi marbutin minn kwalunkwe membru jew parteċipant li, jekk jiġu aċċettati, iwasslu għal tranżazzjoni taħt ir-regoli tas-sistema. Il-kwotazzjonijiet sottomessi kollha b'rispons għal talba għal kwotazzjoni jistgħu jiġu ppubblikati fl-istess ħin iżda mhux aktar tard minn meta jsiru eżegwibbli. |
| Sistema ta' negozjar bil-fomm | Sistema ta' negozjar fejn it-tranżazzjonijiet bejn il-membri huma rranġati permezz ta' negozjati bil-fomm. | It-talbiet u l-offerti u l-volumi marbutin minn kwalunkwe membru jew parteċipant li, jekk jiġu aċċettati, iwasslu għal tranżazzjoni taħt ir-regoli tas-sistema |
| Sistema ta' negozjar li mhijiex koperta mill-ewwel 5 ringieli | Sistema ibrida li taqa' fi tnejn jew aktar mill-ewwel ħames ringieli jew sistema fejn il-proċess ta' determinazzjoni tal-prezz għandu natura differenti minn dik applikabbli għat-tipi ta' sistema koperti mill-ewwel ħames ringieli. | Informazzjoni adegwata rigward il-livell tal-ordnijiet jew tal-kwotazzjonijiet u tal-interess tan-negozjar; b'mod partikolari, l-aħjar ħames livelli ta' prezzijiet tat-talbiet u l-offerti u/jew kwotazzjoni bidirezzjonali ta' kull ġeneratur tas-suq fl-istrument, jekk il-karatteristiċi tal-mekkaniżmu ta' skoperta tal-prezz jippermettu dan. |

*ANNESS II*

## Dettalji ta' tranżazzjonijiet li għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku

*Tabella 1*

### Tabella tas-simboli għat-Tabella 2

| SIMBOLU | TIP TA' DEJTA | DEFINIZZJONI |
|---|---|---|
| {ALPHANUM-n} | Sa n karattri alfanumeriċi | Kamp tat-test liberu. |
| {CURRENCYCODE_3} | 3 karattri alfanumeriċi | Kodiċi tal-munita bi 3 ittri, kif definit mill-kodiċijiet tal-munita ISO 4217. |
| {DATE_TIME_FORMAT} | Il-format tad-data u l-ħin skont l-ISO 8601 | Id-data u l-ħin fil-format li ġej:<br>SSSS-XX-JJTss:mm:ss.ddddddZ.<br>Fejn:<br>— "SSSS" hija s-sena;<br>— "XX" huwa x-xahar;<br>— "JJ" huwa l-jum;<br>— "T" — tfisser li għandha tintuża l-ittra "T"<br>— "hh" hija s-siegħa;<br>— "mm" hija l-minuta;<br>— "ss.dddddd" hija s-sekonda u l-frazzjoni ta' sekonda tagħha;<br>— Z huwa l-ħin tal-UTC.<br>Id-dati u l-ħinijiet għandhom jiġu rrappurtati f'UTC. |
| {DECIMAL-n/m} | Numru deċimali sa n ċifri b'kollox li minnhom sa m ċifri jistgħu jkunu ċifri ta' frazzjonijiet | Qasam numeriku kemm għal valuri pożittivi kif ukoll għal dawk negattivi:<br>— is-separatur deċimali huwa "." (punt);<br>— iċ-ċifri negattivi huma prefissi b'"-" (minus);<br>Fejn japplika, il-valuri għandhom jiġu imqarrba u mhux imqassra. |
| {ISIN} | 12-il karattru alfanumeriku | Kodiċi ISIN, kif definit f'ISO 6166 |
| {MIC} | 4 karattri alfanumeriċi | Identifikatur tas-suq kif definit f'ISO 10383 |

*Tabella 2*

### Lista ta' dettalji għall-finijiet tat-trasparenza ta' wara n-negozjar

| Dettalji | Strumenti finanzjarji | Deskrizzjoni/Dettalji li għandhom jiġu ppubblikati | Tip ta' eżekuzzjoni/post tal-pubblikazzjoni | Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 1 |
|---|---|---|---|---|
| Id-data u l-ħin tan-negozjar | Għall-istrumenti finanzjarji kollha | Id-data u l-ħin meta twettqet it-tranżazzjoni. | Suq Regolat (RM), Faċilità Multilaterali tan-Negozjar (MTF), Faċilità Organizzata tan-Negozjar (OTF) | {DATE_TIME_FORMAT} |

| Dettalji | Strumenti finanzjarji | Deskrizzjoni/Dettalji li għandhom jiġu ppubblikati | Tip ta' eżekuzzjoni/post tal-pubblikazzjoni | Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 1 |
|---|---|---|---|---|
| | | Għal tranżazzjonijiet li twettqu f'ċentru tan-negozjar, il-livell ta' granularità għandu jkun skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/574 ([1]).<br>Għal tranżazzjonijiet li ma twettqux f'ċentru tan-negozjar, id-data u l-ħin għandhom ikunu meta l-partijiet jaqblu fuq il-kontenut tal-oqsma li ġejjin: il-kwantità, il-prezz, il-muniti (fl-oqsma 31, 34 u 40 kif speċifikat fit-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2017/590, il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument, il-klassifikazzjoni tal-istrument u l-kodiċi tal-istrument sottostanti, fejn applikabbli. Għal tranżazzjonijiet li ma twettqux f'ċentru tan-negozjar il-ħin irrappurtat għandu jkun granulari għal mill-inqas l-eqreb sekonda.<br>Meta t-tranżazzjoni tirriżulta minn ordni trażmessa mill-kumpanija ta' eżekuzzjoni f'isem klijent lil parti terza fejn il-kundizzjonijiet għat-trażmissjoni stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/590 ma ġewx issodisfati, din għandha tkun id-data u l-ħin tat-tranżazzjoni aktar milli l-ħin tat-trażmissjoni tal-ordni. | Arranġament ta' Pubblikazzjoni Approvata (APA)<br>Fornitur ta' tape konsolidat (CTP) | |
| Tip ta' kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument | Għall-istrumenti finanzjarji kollha | Tip ta' kodiċi użat għall-identifikazzjoni tal-istrument finanzjarju | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | "ISIN" = kodiċi ISIN, fejn ISIN huwa disponibbli<br>"OTHR" = identifikatur ieħor |
| Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument | Għall-istrumenti finanzjarji kollha | Kodiċi użat għall-identifikazzjoni tal-istrument finanzjarju | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | {ISIN}<br>Meta l-Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument mhuwiex ISIN, identifikatur li jidentifika l-istrument derivattiv ibbażat fuq l-oqsma 3 sa 5, 7 u 8 u 12 sa 42 kif speċifikat fl-Anness IV u fl-oqsma 13 u 24 sa 48 kif speċifikat fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2017/585 u l-ġabra tal-istrumenti derivattivi kif stabbilit fl-Anness III. |
| Prezz | Għall-istrumenti finanzjarji kollha | Il-prezz innegozjat tat-tranżazzjoni ħlief, fejn applikabbli, il-kummissjoni u l-imgħax akkumulat. | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | {DECIMAL-18/13} f'każ li l-prezz jiġi espress bħala valur monetarju |

| Dettalji | Strumenti finanzjarji | Deskrizzjoni/Dettalji li għandhom jiġu ppubblikati | Tip ta' eżekuzzjoni/post tal-pubblikazzjoni | Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 1 |
|---|---|---|---|---|
| | | Fil-każ ta' kuntratti ta' opzjoni, dan għandu jkun il-primjum tal-kuntratt tad-derivattivi għal kull punt sottostanti jew tal-indiċi.<br>Fil-każ ta' spread bets għandu jkun il-prezz ta' referenza tal-istrument sottostanti.<br>Għal swaps ta' inadempjenza ta' kreditu (CDS) għandu jkun il-kupun fil-punti bażi.<br>Meta l-prezz ikun irrappurtat f'termini monetarji, dan għandu jiġi pprovdut fl-unità tal-munita prinċipali.<br>Meta l-prezz ma jkunx disponibbli attwalment iżda jkun pendenti, il-valur għandu jkun "PNDG".<br>Meta l-prezz ma jkunx applikabbli l-qasam ma għandux jimtela.<br>L-informazzjoni rrappurtata f'dan il-qasam għandha tkun konsistenti mal-valur ipprovdut fil-qasam tal-Kwantità. | | {DECIMAL-11/10} f'każ li l-prezz jiġi espress bħala perċentwal jew rendiment<br>"PNDG" f'każ li l-prezz ma jkunx disponibbli<br>{DECIMAL-18/17} f'każ li l-prezz jiġi espress bħala punti bażi |
| Ċentru tal-eżekuzzjoni | Għall-istrumenti finanzjarji kollha | L-identifikazzjoni tal-post fejn tkun twettqet it-tranżazzjoni.<br>Uża s-segment MIC tal-ISO 10383 għat-tranżazzjonijiet imwettqa f'post tan-negozjar. Meta s-segment MIC ma jkunx jeżisti, uża l-MIC li qiegħed jopera.<br>Uża l-kodiċi MIC "XOFF" għall-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar jew innegozjati f'post tan-negozjar, fejn it-tranżazzjoni fuq dak l-istrument finanzjarju ma titwettaqx f'post tan-negozjar jew f'internalizzatur sistematiku jew fi pjattaforma tan-negozjar organizzata barra l-Unjoni.<br>Uża SINT għall-istrument finanzjarju sottomess għan-negozjar jew innegozjat f'post tan-negozjar, fejn it-tranżazzjoni fuq dak l-istrument finanzjarju titwettaq f'Internalizzatur Sistematiku. | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | {MIC} — postijiet tan-negozjar<br>"SINT" — internalizzatur sistematiku |
| Notazzjoni tal-prezz | Għall-istrumenti finanzjarji kollha | Indikazzjoni dwar jekk il-prezz huwiex espress f'valur monetarju, f'perċentwal jew f'rendiment | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | "MONE" — Valur monetarju<br>"PERC" — Perċentwal<br>"YIEL" — Rendiment<br>"BAPO" — Punti bażi |
| Munita tal-Prezz | Għall-istrumenti finanzjarji kollha | Munita li biha jiġi espress il-prezz (applikabbli jekk il-prezz ikun espress bħala valur monetarju) | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | {CURRENCYCODE_3} |

| Dettalji | Strumenti finanzjarji | Deskrizzjoni/Dettalji li għandhom jiġu ppubblikati | Tip ta' eżekuzzjoni/post tal-pubblikazzjoni | Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 1 |
|---|---|---|---|---|
| Notazzjoni tal-kwantità f'unita ta' kejl | Għal derivattivi ta' komoditajiet, derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet u kwoti tal-emissjonijiet ħlief fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 11(1) ittri (a) u (b) ta' dan ir-Regolament. | Indikazzjoni tal-unitajiet ta' kejl fejn hija espressal-kwantità fl-unità ta' kejl | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | "TOCD" — tunnellati ta' ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju<br>Jew<br>{ALPHANUM-25} jew in-kella |
| Kwantità f'unita tal-kejl | Għal derivattivi ta' komoditajiet, derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet u kwoti tal-emissjonijiet ħlief fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 11(1) ittri (a) u (b) ta' dan ir-Regolament. | L-ammont ekwivalenti ta' prodott bażiku jew kwota ta' emissjoni nnegozjata espressa f'unità tal-kejl | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | {DECIMAL-18/17} |
| Kwantità | Għall-istrumenti finanzjarji kollha ħlief fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 11(1) ittri (a) u (b) ta' dan ir-Regolament. | In-numru ta' unitajiet tal-istrument finanzjarju, jew in-numru ta' kuntratti derivattivi fit-tranżazzjoni. | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | {DECIMAL-18/17} |
| Ammont nozzjonali | Għall-istrumenti finanzjarji kollha ħlief fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 11(1) ittri (a) u (b) ta' dan ir-Regolament. | Ammont nominali jew ammont nozzjonali<br>Għal spread bets, l-ammont nozzjonali għandu jkun il-valur monetarju li jinvolvi mħatri għal kull punt ta' moviment fl-istrument finanzjarju sottostanti.<br>Għal swaps ta' inadempjenza ta' kreditu, għandu jkun l-ammont nozzjonali li għalih tkun akkwistata jew mibjugħa il-protezzjoni.<br>L-informazzjoni rrappurtata f'dan il-qasam għandha tkun konsistenti mal-valur ipprovdut fil-qasam tal-Prezz. | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | {DECIMAL-18/5} |
| Munita nozzjonali | Għall-istrumenti finanzjarji kollha ħlief fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 11(1) ittri (a) u (b) ta' dan ir-Regolament. | Munita li biha huwa denominat in-nozzjonal | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | {CURRENCYCODE_3} |

| Dettalji | Strumenti finanzjarji | Deskrizzjoni/Dettalji li għandhom jiġu ppubblikati | Tip ta' eżekuzzjoni/post tal-pubblikazzjoni | Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 1 |
|---|---|---|---|---|
| Tip | Għal kwoti tal-emissjonijiet u derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet biss | Dan il-qasam huwa applikabbli biss għall-kwoti tal-emissjonijiet u d-derivattivi ta' kwoti tal-emissjonijiet. | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | "EUAE" — EUA<br>"CERE" — CER<br>"ERUE" — ERU<br>"EUAA" — EUAA<br>"OTHR" — Oħrajn (għad-derivattivi biss) |
| Id-Data u l-Ħin tal-Pubblikazzjoni | Għall-istrumenti finanzjarji kollha | id-data u l-ħin meta tkun ġiet ippubblikata t-tranżazzjoni permezz ta' post tan-negozjar jew APA.<br>Għal tranżazzjonijiet li twettqu f'ċentru tan-negozjar, il-livell ta' granularità għandu jkun skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/574.<br>Għal tranżazzjonijiet li ma twettqux f'post tan-negozjar il-ħin irrappurtat għandu jkun granulari għal mill-inqas l-eqreb sekonda. | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | {DATE_TIME_FORMAT} |
| Post tal-pubblikazzjoni | Għall-istrumenti finanzjarji kollha | Kodiċi użat għall-identifikazzjoni tal-post tan-negozjar u l-APA li jippubblika t-tranżazzjoni. | CTP | Post tan-Negozjar: {MIC}<br>APA: {MIC} fejn disponibbli. Inkella, kodiċi ta' 4 karattri kif ippubblikat fil-lista ta' dejta li tirrapporta fornituri ta' servizzi fis-sit web tal-ESMA. |
| Il-kodiċi ta' Identifikazzjoni tat-Tranżazzjoni | Għall-istrumenti finanzjarji kollha | Il-kodiċijiet alfanumeriċi assenjati minn postijiet tan-negozjar (skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/580 (2)) u l-APAs u użati fi kwalunkwe referenza sussegwenti għan-negozjar speċifiku.<br>Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni għandu jkun uniku, konsistenti u persistenti għal kull segment MIC skont ISO 10383 u għal kull jum ta' negozjar. Meta l-post tan-negozjar ma jużax segment MIC, il-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni għandu jkun uniku, konsistenti u persistenti għal kull MIC operattiv għal kull jum ta' negozjar.<br>Meta l-APA ma jużax l-MICs, għandu jkun uniku, konsistenti u persistenti għal kull kodiċi ta' 4 karattri użat biex jiġi identifikat l-APA għal kull jum ta' negozjar.<br>Il-komponenti tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni ma għandhomx jiżvelaw l-identità tal-kontropartijiet għat-tranżazzjoni li għaliha jkun qiegħed jinżamm il-kodiċi | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | {ALPHANUMERICAL-52} |

| Dettalji | Strumenti finanzjarji | Deskrizzjoni/Dettalji li għandhom jiġu ppubblikati | Tip ta' eżekuzzjoni/post tal-pubblikazzjoni | Format li għandu jimtela kif definit fit-Tabella 1 |
|---|---|---|---|---|
| Tranżazzjoni li għandha titneħħa | Għal derivattivi | Kodiċi biex jiġi identifikat jekk it-tranżazzjoni hijiex ser titneħħa. | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | "veru" — tranżazzjoni li għandha titneħħa<br>"falz" — tranżazzjoni li ma għandhiex titneħħa |

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/574 tas-7 ta' Ġunju 2016 li jissupplementa d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għal-livell ta' preċiżjoni tal-arloġġi tan-negozju (Ara paġna 148 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/580 tal-24 ta' Ġunju 2016 li jissupplementa r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għaż-żamma tad-dejta rilevanti dwar l-ordnijiet fl-istrumenti finanzjarji (Ara paġna 193 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

*Tabella 3*

**Lista ta' indikaturi għall-finijiet tat-trasparenza ta' wara n-negozjar**

| | Indikatur | Isem tal-Indikatur | Tip ta' eżekuzzjoni/post tal-pubblikazzjoni | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|
| | "BENC" | Indikatur tat-tranżazzjoni bħala punt ta' riferiment | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | It-tipi kollha ta' tranżazzjonijiet tal-prezz medju tal-volum mwieżna u kull negozjar ieħor fejn il-prezz huwa kkalkolat fuq każijiet tal-ħin multipli skont punt ta' riferiment partikolari. |
| | "ACTX" | Indikatur ta' tranżazzjoni agency cross | APA<br>CTP | Tranżazzjonijiet fejn impriża ta' investiment tkun laqqgħet flimkien żewġ ordnijiet ta' klijenti bix-xiri u l-bejgħ li jkun sar bħala tranżazzjoni waħda u li tinvolvi l-istess volum u prezz. |
| | "NPFT" | Indikatur tat-tranżazzjoni ta' formazzjoni mingħajr prezzijiet | RM, MTF, OTF<br>CTP | It-tipi kollha ta' tranżazzjonijiet imniżżla taħt l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u li ma jikkontribwixxux għall-formazzjoni tal-prezzijiet. |
| | "LRGS" | Indikatur tat-tranżazzjoni LIS ta' wara n-negozjar | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | Tranżazzjonijiet imwettqa taħt id-differiment fuq skala kbira ta' wara n-negozjar |
| | "ILQD" | Indikatur tat-tranżazzjoni ta' strument mhux likwidu | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | Tranżazzjonijiet imwettqa taħt id-differiment għall-istrumenti li għalihom ma hemmx suq likwidu. |
| | "DAQS" | Indikatur tat-tranżazzjoni SSTI ta' wara n-negozjar | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | Tranżazzjonijiet imwettqa taħt id-daqs ta' wara n-negozjar speċifiku għad-differiment tal-istrument. |
| | "TPAC" | Indikatur tat-tranżazzjoni f'pakkett | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | Tranżazzjonijiet f'pakkett li mhumiex skambju ma' prodotti fiżiċi kif iddefinit fl-Artikolu 1. |

| | Indikatur | Isem tal-Indikatur | Tip ta' eżekuzzjoni/post tal-pubblikazzjoni | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|
| | "XFPH" | Indikatur tat-tranżazzjonijiet ta' skambju ma' prodotti fiżiċi | RM, MTF, OTF<br>APA<br>CTP | Skambju ma' prodotti fiżiċi kif definit fl-Artikolu 1. |
